**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 167**
**L-Erbgħa, 8 ta' Novembru, 2023 fl-4:00 p.m.**

**LOOKED AFTER CHILDREN SERVICE – RIŻENJI TA' SOCIAL WORKERS**

**11210. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm irriżenjaw social workers mil-Looked After Children Service (LAC) minn Jannar 2023 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/08/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li minn Jannar 2023 sal-lum kien hemm 3 Social Workers illi rriżenjaw mis-servizz tal-Looked After Children (LAC).
Tnejn minn dawn kienu ilhom aktar minn 3 snin jaħdmu mal-Looked After Children, waqt li Social Worker oħra (ta' nazzjonalità barranija), irriżenjat wara ġimgħa.

Seduta 167
08/11/2023

**LOOKED AFTER CHILDREN SERVICE - RIŻENJI TA' SOCIAL WELFARE PROFESSIONALS**

**11211. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm irriżenjaw social welfare professionals mil-Looked After Children Service (LAC) minn Jannar 2023 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/08/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li fil-perjodu indikat minnha kien hemm biss Social Welfare Professional wieħed / waħda biss li rriżenja/t mis-servizz li qiegħda tirreferi għalih.

Seduta 167
08/11/2023

**LOOKED AFTER CHILDREN SERVICE – TRASFERIMENTI TA' SOCIAL WORKERS**

**11212. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew trasferiti social workers mil-Looked After Children Service (LAC) minn Jannar 2023 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/08/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nibda billi ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li l-FSWS, bħal kull entità oħra governattiva, meta tagħmel il-kuntratt tal-impjieg ma' kull impjegat ġdid għandha kuntratt standard li, fost l-oħrajn, **jindika li l-impjegat qed jiġi <u>impjegat mal-Fondazzjoni</u>u mhux ma' servizz partikolari** u li, għad li jkun indikat servizz partikolari bħala first place of employment, dik mhux assenjazzjoni għal dejjem, imma l-impjegat jista' jiġi trasferit skont l-esiġenzi tas-servizz.

Minkejja dan, il-prassi hija li la impjegat ikun sejjer tajjeb u ma jkunx hemm raġunijiet straordinarji biex impjegat jiġi trasferit dan ma jsirx ħlief jekk l-esiġenzi jitolbu hekk jew issir talba mill-impjegat innifsu. Ilum l-prassi hija li ħlief jekk ikun assolutament meħtieġ għall-esiġenzi tas-servizz, ma jsirux forced moves.

Għaldaqstant, bħalissa fis-servizz indikat mill-Onor. Interpellanta, hemm 3 impjegati li qed jitolbu transfer. Ovvjament dawn it-talbiet jintlaqgħu meta jkun hemm post/vakanza fis-servizz li wrew ix-xewqa li jmorru fih u meta ukoll ikun hemm min jissostitwixxihom.

Seduta 167
08/11/2023

**LOOKED AFTER CHILDREN SERVICE – TRASFERIMENTI TA' SOCIAL WELFARE PROFESSIONALS**

**11213. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew trasferiti social welfare professionals mil-Looked After Children Service (LAC) minn Jannar 2023 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/08/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li fil-perjodu indikat minnha, kien hemm talba waħda biss għal transfer minn dan is-servizz mill-kategorija ta' impjegati msemmija fil-mistoqsija tagħha.

Seduta 167
08/11/2023

**CHILD PROTECTION SERVICES – TAĦRIĠ LILL-ĦADDIEMA**

**11214. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti d-dettalji bil-lista tat-taħriġ speċjalizzat, inkluż il-units jew it-temi, li jingħataw lill-ħaddiema meta jibdew fiċ-Child Protection Services? Jista' jispeċifika wkoll il-kategorija tal-ħaddiema li jiġu msejħa biex jattendu dan it-training?

22/08/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li l-lista ta' topics li dwarhom jingħata taħriġ lill-ħaddiema meta jibdew jaħdmu fid-Direttorat tal-Protezzjoni tal-Minuri hija kif qed ikun elenkat hawn taħt, u għaldaqstant it-taħriġ jikkonsisti fl-areas u dwar is-suġġetti elenkati:

1. Working at CPS,
2. Preparing for Courts,
3. Child Development,
4. Hidden Challenges: The Professionals' Role - Knowledge and Practices,
5. Baby Basic Care,
6. Working with Neglectful Parents,
7. Attachment,
8. Trauma-informed practice,
9. Child Abuse & Neglect - What is Maltreatment?
10. Sexual Abuse,
11. Parental Alienation,
12. Substance Misuse in Pregnant Users & Parents,
13. Recognising Non-Accidental Injuries,
14. Forensic Interviewing,
15. Assessment Framework & Dept. of Health Review Tools (UK),
16. Ontario Assessment Tools,
17. Tools for Working with Children,
18. SDM (Strategic Decision Making),
19. Basic principles of forensic psychology, u
20. L-induction training ġeneriku li jingħata lill-impjegati ġodda kollha li jiġu ingaġġati mill-FSWS.

Seduta 167
08/11/2023

**LOOKED AFTER CHILDREN SERVICE - DETTALJI TAT-TAĦRIĠ SPEĊJALIZZAT**

**11215. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti d-dettalji bil-lista tat-taħriġ speċjalizzat, inkluż il-units jew temi, li jingħataw il-ħaddiema meta jibdew fil-Looked After Children Service (LAC)? Jista' jispeċifika wkoll il-kategorija tal-ħaddiema li jiġu msejħa biex jattendu dan it-taħriġ?

22/08/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li, s-servizz tal-Looked After Children huwa servizz speċjalizzat li jaħdem ma' tfal f'kura alternativa. Għaldaqstant, kull ħaddiem f'dan is-servizz matul l-2023 ingħata s-segwenti taħriġ:

1. Taħriġ fuq ir-reintegrazzjoni, l-assessjar u s-servizz li jista' jingħata li kull familja li tkun qed tipprepara biex terġa' tilqa' fi ħdanha lil ulied,
2. Taħriġ fuq il-ħidma maż-żgħażagħ li għandhom diversi diffikultajiet,
3. Taħriġ fuq gender and sexual diversity in adolescents,
4. Taħriġ fuq l-effetti ta' sustanzi illeċiti fuq iż-żgħażagħ,
5. Taħriġ fuq il-liġi tat-tfal li daħlet fis-seħħ għall-ewwel darba fl-2020,
6. Taħriġ fuq l-użu tal-internet b'mod san għat-tfal u żgħażagħ b'kollaborazzjoni ma' Be Smart Online,
7. Taħriġ fuq assessjar speċjalizzat mħaddem mill-Looked After Children li jgħin sabiex jiġu assessjati l-possibilitajiet ta' re-integrazzjoni (North Carolina Risk Assessment),
8. Taħriġ fuq l-għan tas-servizz tal-SAV, dwar Smart Goals li jridu jiġu identifikati mill-Looked After Childrensabiex l-aċċess ta' bejn il-ġenituri u t-tfal jilħaq l-għanijiet mixtieqa,
9. Taħriġ fuq l-aspetti Soċio-Mediċi ta' tfal li esperjenzaw diversi trawmiet f'ħajjithom,
10. Taħriġ fuq Bruises/ signs of abuse,
11. Taħriġ fuq therapeutic parenting mis-Centre of Excellence in Child Trauma tal-Ingilterra.

Nixtieq nelenka li, minbarra t-taħriġ li qed issir referenza għalih aktar 'l fuq, is-social welfare professionals li jaħdmu fil-Looked After Children ingħataw u jingħataw ukoll taħriġ iktar speċifiku. Dan jinkludi:

1. Taħriġ fuq Social Work skills/principles/values,
2. Taħriġ fuq il-liġi iktar intensiv,
3. Taħriġ fuq **North Carolina Risk Assessment**; liema assessjar pero' dawn ma jistgħux jagħmluh waħedhom iżda biss taħt is-superviżjoni stretta ta' social worker, u
4. Inbeda wkoll taħriġ, mogħti mill-Universita' ta' Malta lis-Social Welfare Professionals li jaħdmu fil-Looked After Children, speċifikament fuq Trauma informed practice.

Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li, matul dan ix-xahar ta' November, hemm ukoll iktar taħriġ ippjanat, li jinkludi:

1. Strategies and Solutions workshop (Centre of Excellence in Child Trauma, UK), u
2. Ser jingħata taħriġ fuq Positive parenting.

Inżid ukoll li, kull ħaddiem jingħata wkoll l-opportunità jattendi:

1. First aid course,
2. Paediatric First aid,
3. Mental health first aid.

Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, din ma hijiex il-lista sħiħa tat-taħriġ li jingħata, hekk kif it-taħriġ jiġi mogħti u assenjat kontinwament skont il-bżonnijiet u l-ħtiġijiet tal-ħaddiema u tas-servizz.

Ngħalaq billi ninforma lill-Onor. Interpellanta li, is-social welfare professionals tal-Looked After Children Service, minkejja dan it-taħriġ, xorta jeħtieġ li jaħdmu taħt il-gwida tal-key workers li huma kollha social workers. Ir-rapporti u l-assessments huma kollha monitored u ffirmati minn social workers li josservaw x-xogħol li jkun sar. Diversi interventi jsiru wkoll bl-assistenza diretta tas-social workers li huma assenjati ma' kull social welfare professional. Dan kollu jgħodd b'mod esklussiv għall-Looked After Children Service.

Seduta 167
08/11/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – APPLIKANTI**

**11367. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikant hemm bħalissa quddiem l-Awtorità tad-Djar, għal xiri ta' units, biex isiru sidien ta' darhom?

11/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent hemm 419-il applikant quddiem l-Awtorità tad-Djar għal xiri ta' units biex isiru sidien ta' darhom.

Seduta 167
08/11/2023

**AKKOMODAZZJONIJIET SOĊJALI**

**11368. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw akkomodazzjonijiet soċjali, xahar b'xahar, matul is-snin 2022 u 2023, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 167
08/11/2023

**ALLOKAZZJONIJIET ĠODDA - POLICY DWAR IL-KRITERJI TAL-ELIĠIBILITÀ**

**11369. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-policy dwar il-kriterji tal-eliġibilità għall-allokazzjonijiet il-ġodda?

11/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 167
08/11/2023

**PSYCHIATRIC IN-REACH SERVICES - PRIĠUNIERI**

**11370. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm priġunieri li ħadu sehem fil-Psychiatric In-Reach Services, u kemm-il priġunier ġie riferut għall-kura ġewwa l-Forensic Unit tal-Isptar Mount Carmel, fis-snin 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi n-numru ta' priġunieri li ħadu sehem fil-Psychiatric In-Reach Services mis-sena 2020 sat-13 t'Ottubru 2023 huwa ta' 921 priġunier/a.

Numru ta' priġunieri li ġew riferuti għall-kura ġewwa l-Forensic Unit tal-Isptar Mount Carmel, fis-snin 2020, 2021, 2022 u sat-13 t'Ottubru 2023 huma:

Fis-sena 2020 =162 priġunier
Fis-sena 2021 =180 priġunier
Fis-sena 2022 = 230 priġunier
Sat-13 t'Ottubru 2023 = 150 priġunier.

Seduta 167
08/11/2023

**PERSUNI LI WEĦLU L-ĦABS FUQ NUQQAS TA' ĦLAS TAL-MANTENIMENT**

**11371. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna weħlet il-ħabs mis-sena 2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari għax ma żammitx mal-obbligazzjonijiet tagħha li tħallas il-manteniment?

11/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għandu jagħmel din il-mistoqsija lil Ministru kkonċernat.

Seduta 167
08/11/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR – ŻJARAT FL-UFFIĊINI**

**11372. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna żaret l-uffiċini tal-Awtorità tad-Djar matul is-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena 2023 sat-30 ta' Ottubru 2023, 7,586 persuna żaret l-uffiċini tal-Awtorità tad-Djar.

Seduta 167
08/11/2023

**IŻ-ŻEJTUN - KONTRAVENZJONIJIET TAT-TRAFFIKU**

**11578. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul effettiv minn kontravenzjonijiet tat-traffiku li saru fil-lokalità taż-Żejtun mill-2020 sal-aħħar ta' Ġunju 2023?

28/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li d-dħul minn kontravenzjonijiet huwa wieħed fluwidu minħabba n-natura tal-proċessi leġiżlattivi. Dan jinkludi l-fakultà tal-allegatt offensur li jissottometti petizzjoni, li jsegwi bis-smigħ tal-każ quddiem it-tribunal lokali. Dan jerġa jiġi segwit b'żewġ possibilitatjiet ta' appell, u li huma: 1) is-sottomissjoni ta' petizzjoni jew; 2) appell quddiem il-qrati tal-ġustizzja. Dan il-proċess jieħu ż-żmien u l-proċess kollu jissupera sena, u għaldaqstant tal-informazzjoni kif mitluba, ma tistax tiġi konkluża.

Seduta 167
08/11/2023

**PAOLA/TARXIEN - TRIQ SAMMAT - NUQQAS TA' PRESSA TA' ILMA**

**12436. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid għaliex partijiet minn Triq Sammat Paola/Tarxien, b'mod partikolari dawk viċin l-isptar li qiegħed jinbena, qed ikollhom nuqqas ta' pressa ta' ilma u x'jista' jsir biex titjieb?

17/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI**: Ninsab infurmata li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma rċeviet l-ebda rapport ta' pressa baxxa fl-akkwata indikata.

Persuni li jkollhom diffikultajiet dwar xi infrastruttura tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jistgħu jċemplu fuq 8007 6400 jew jagħmlu rapport online permezz tas-sit elettroniku www.wsc.com.mt

Seduta Numru 167
08/11/2023

**TAX DEDUCTION FIL-PENSJONI**

**12437. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9431 dwar it-tax deductions fil-pensjoni maħruġa ai termini tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali msemmija fl-aħħar żewġ baġits, jista' l-Ministru jgħid għaliex dawn it-tax deductions għadhom ma ħarġux?

17/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali qiegħed fl-aħħar fażijiet tal-ittestjar tas-sistema awtomizzata ta' kif jitħaddem dan il-mekkaniżmu biex it-tax deductions ikunu skont l-Avviż Legali.

Seduta 167
08/11/2023

**ŻEJTUN - "CLEAN AND UPKEEP" MOBILE APP - RAPPORTI**

**12438. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru rapporti permezz tal-mobile app "Clean and Upkeep", jekk dawn humiex jingħataw widen u kemm qed idumu, senjatament fiż-Żejtun?

17/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 167
08/11/2023

**FURJANA – FUNTANA TAL-ILJUN - XOGĦLIJIET**

**12439. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fiex jinsabu x-xogħlijiet fuq il-Funtana tal-Iljun, fil-Furjana, peress li ilha numru ta' snin ma taħdem?

17/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet biex il-Funtana tal-Iljun terġa' tibda taħdem bdew fl-ewwel ġimgħa ta' Novembru 2023.

Seduta 167
08/11/2023

**RESPITE FACILITIES GĦALL-FAMILJI BI TFAL B'DIŻABILTÀ**

**12440. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk huwiex ser ikun hemm respite facilities għall-familji bi tfal b'diżabiltà fil-parti ta' isfel tal-pajjiż billi preżentement dawn il-facilities jinsabu fil-parti ta' fuq ta' Malta biss?

17/10/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent għaddejja ħidma biex jitwettaq il-pjan, skont kif imwiegħed fil-manifest elettoralili jindirrizza dan il-bżonn ta' faċilitajiet ta' respite fil-parti ta' isfel ta' Malta.

Seduta 167
08/11/2023

**IL-BELT VALLETTA – KUNTRATT TA’ FOND**

**12645. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12160 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt li permezz tiegħu l-okkupanti ngħataw mill-Awtorità tal-Artijiet b’enfitewsi l-proprjetà li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

23/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kuntratt tax-xorta msemmija ma jeżistix.

Seduta 167
08/11/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - APPLIKAZZJONIJIET GĦALL FONDI MILL-UNJONI EWROPEA**

**12691. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jgħid liema kienu dawk l-entitajiet, dipartimenti jew awtoritajiet fid-dekasteru tiegħu li applikaw għal xi forma ta' fondi mill-Unjoni Ewropea matul is-sena 2023? Jista’ jgħid ukoll għal liema fondi applikaw u x’kien l-eżitu, kemm ingħataw fondi kull direttorat u entità għal kull applikazzjoni u għal xiex ingħataw?

24/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 167
08/11/2023

**DISKUSSJONIJIET BEJN IL-MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT DWAR L-IMMANIĠĠJAR TAL-FANAL TAL-ĠORDAN FL-GĦASRI**

**12692. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9265, jista’ l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt ta’ ftehim li ġie ffirmat fid-29 ta' Marzu 2023, bil-kondizzjonijiet/responsabbiltajiet rispettivi għall-immaniġġjar tal-Fanal tal-Ġordan fl-Għasri sabiex il-binja storika tkun imħarsa u miżmuma tajjeb bejn l-Awtorità għat-Trasport f’Malta u l-Ministeru għal Għawdex?

24/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt għall-immaniġġar tal-Fanal tal-Ġurdan fl-Għasri li ġie iffirmat fid-29 ta’ Marzu, 2023 bejn l-Awtorità għat-Trasport f’Malta u l-Ministeru għal Għawdex.

Seduta 167
08/11/2023

**XEWKIJA, GĦAWDEX - DIPARTIMENT TAL-EDUKAZZJONI**

**12693. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9145 u jgħid x'inhuma r-raġunijiet għala f'dawn l-aħħar ġimgħat id-Dipartiment tal-Edukazzjoni ġewwa Għawdex, li mid-9 ta' Settembru 2022 kien beda jopera u jaħdem mill-Gozo Innovation Hub ġewwa x-Xewkija, ma baqax jopera? Jista’ jgħid fil-preżent minn fejn qed jopera dan id-Dipartiment u l-ħaddiema kollha li kien hemm?

24/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-impjegati msemmija bħalissa qed joperaw b'mod temporanju mill-Iskola taż-Żebbuġ.

Seduta 167
08/11/2023

**NADUR, XAGĦRA U GĦAJNSIELEM - BEREĠ TAS-SAĦĦA**

**12694. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lid- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser ikunu qed joperaw (xahar u sena) il-Bereġ tas-Saħħa ġewwa n-Nadur, ix-Xagħra u Għajnsielem f'Għawdex?

24/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3628. Ninformah ukoll illi sal-aħħar ta' din is-sena se jkunu nfetħu ċ-Ċentru tas-Saħħa ġdid ġewwa Victoria kif ukoll iċ-Ċentru komunitarju ġewwa l-Qala.

Seduta 167
08/11/2023

**GĦAWDEX - TALBIET GĦAL BERTH FIL-MARINA**

**12695. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9069 fl-intier tagħha u jgħid fil-konkret x'hemm ippjanat li jsir biex jiżdiedu l-berths fil-Marina ta' Għawdex matul il-kumplament ta' din il-Leġiżlatura peress li bħalissa hemm 457 applikazzjoni u iktar, fil-lista ta' stennija għal berthing f'Għawdex?

24/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ngħatat tweġiba kompluta għall-Mistoqsija Parlamentari PQ9069.

Inżid li tpoġġew puntuni ġodda u ġew organizzati aħjar id-dgħajjes li kien hemm marbuta u fuq bagi. L-ispazju hu dak li hu, ristrett ħafna għad-domanda kbira li hemm speċjalment bil-miżati preżenti li wieħed iħallas għall-irbit u irmiġġi.Dawn il-miżati ilhom ma jiġu riveduti snin u ma jirriflettux dawk attwali u tas-suq. Madankollu, l-Awtorità tat-Trasport se tibqa għaddejja b'eżerċizzji biex dejjem torganizza aħjar il-'mooring u berthing areas' sabiex fejn hu possibbli, jinħolqu spazji ġodda.

Inzid ukoll ngħid li sar dak kollu possibbli bl-introduzzjoni ta' puntuni ġodda, bir-rikonfigurazzjoni tal-irmiġġi inklużi dawk mal-moll u fuq mażżri u bir-riallokazzjoni ta' dgħajjes biex jinħolqu iktar spazji għal dgħajjes addizzjonali. Sfortunatament u kif diġà tennejt, l-ispazju hu dak li hu, u bħalissa fil-Port tal-Imġarr, anke wara l-eżerċizzji kollha li saru biex jiġi riorganizzat, ma hemmx iktar spazju fejn jistgħu jiġu akkomodati dgħajjes ġodda.

Il-'waiting list', bħal f'kull post tal-irmiġġ ieħor f'Malta fejn hemm restrizzjonijiet ta' spazju, tibqa' tiżdied għax aktar nies qegħdin jixtru d-dgħajjes u konsegwentement id-domanda għall-irmiġġi tkompli tiżdied.Il-ftit spazji li minn żmien għal żmien l-Awtorità tat-Trasport jirnexxielha toħloq f'dawn iz-zoni tal-irmiġġ, mill-ewwel jittieħdu sforz id-domanda kbira u dejjem tiżdied għal dawn l- irmiġġi.

Seduta 167
08/11/2023

**GĦAJNSIELEM, GĦAWDEX - TRIQ SANT'ANTNIN - RAILINGS TAL-PROMENADE**

**12696. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9067 dwar meta se jiġu sostitwiti r-railings tal-promenade tal-parti ta' isfel ta' Triq Sant'Antnin li tmiss ma' Triq ix-Xatt ġewwa Għajnsielem, li huma kollha sadid u ta' periklu kbir, jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx sostitwiti sa nofs Lulju li għadda?

24/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li parti mir-railings ser jinbidlu fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 167
08/11/2023

**TAXXA MEDJA - ĦADDIEMA MINN PAJJIŻI TERZI**

**12701. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi t-taxxa medja li ħaddiema minn pajjiżi terzi jħallsu f'pajjiżna, maqsuma skont l-industriji li jaħdmu fihom?

24/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 167
08/11/2023

**VERAĊITÀ TA' DOKUMENTI - STALEL TAŻ-ŻWIEMEL**

**12702. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Peress illi biex ikun hemm żvilupp ta' stalel taż-żwiemel f'żoni barra mill-iżvilupp jeħtieġ dikjarazzjoni uffiċjali tas-sjieda jew reġistrazzjoni taż-żwiemel, u fid-dawl ta' lakuni li jistgħu jwasslu għall-iżvilupp ta' diversi stalel irreġistrati fuq żiemel/żwiemel li ma jkunux sidien tagħhom, jista' l-Ministru jgħid jekk tkunx mistħarrġa l-veraċità tad-dokumenti preżentati fir-reġistrazzjoni taż-żiemel/żwiemel? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid kif tkun iċċekjata l-veraċità tad-dokumenti? Jekk le, jista' jgħid għalfejn dawn ma jiġux iċċekjati, meta jistgħu jwasslu għal abbużi?

24/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.
Seduta 167
08/11/2023

**RHIBS - SPIŻA**

**12703. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta u kemm inxtara kull RHIB fil-flotta ta' Transport Malta?

24/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 167
08/11/2023

**RHIBS - TENDERS**

**12704. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tat-tenders li permezz tagħhom inxtraw RHIBs għas-sezzjoni tal-infurzar, li nħarġu mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

24/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 167
08/11/2023

**RHIBS - PAGAMENTI GĦAL TISWIJIET**

**12705. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista’ l-Ministru jipprovdi lista ta’ pagamenti li saru għal tiswijiet fuq kull RHIB fil-flotta ta’ Transport Malta, mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

24/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f’seduta oħra.

Seduta 167
08/11/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - KONSULENTI**

**12782. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12488 u jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta’ kull wieħed jew waħda rispettivament?

26/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO**: Nitlob lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta Numru 167
08/11/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - KONSULENTI**

**12783. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12485 u jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta’ kull wieħed jew waħda rispettivament?

26/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra**.**

Seduta 167
08/11/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - KONSULENTI**

**12784. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lid- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12484, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid min huma, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta’ kull wieħed jew waħda mill- konsulenti msemmija fl-istess tweġiba?

26/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12484.

Seduta 167
08/11/2023

**MARSAXLOKK - ŻONA TAL-MAGĦLUQ**

**12832. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'sar mill-proġett li kellu jsir sabiex tiġi protetta ż-żona tal-Magħluq u biex jonqos il-coastal erosion ġewwa Marsaxlokk? Tista' tgħid ukoll kif sadanittant qed jiġu protetti l-bajja u s-sit Natura 2000 biswit?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI**: Niforma lill-Onor. Interpellanta li l-proġett sabiex titnaqqas il-coastal erosion f'Marsaxlokk qed jitmexxa primarjament mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u sar studju fuq is-sistemi ekoloġiċi u idroloġiċi tas-sit sabiex tinġabar l-informazzjoni xjentifika meħtieġa. Tħejjew ukoll rakkomandazzjonijiet dwar miżuri li jistgħu jitwettqu biex titnaqqas il-coastal erosion, u a bażi tal-istess rakkomandazzjonijiet, saru diskussjonijiet intensivi ma' Infrastructure Malta u esperti xjentifiċi oħra sabiex jitħejja pjan t'azzjoni. Il-pass li jmiss hu li tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-ippjanar u li tiġi abbozzata s-sejħa għall-offerti.

Inżid ukoll li parti mis-sit Natura 2000 tal-Ballut ta' Marsaxlokk qed jiġi mmaniġġjat mill-għaqda volontarja Nature Trust Malta (NTM) bi ftehim mal-ERA, u matul l-aħħar xhur ġie installat ilqugħ li jipproteġi s-sit u jikkontrolla l-aċċess, tħawlu siġar u xtieli indiġeni u ġew installati wkoll tabelli informattivi dwar l-importanza ekoloġika tas-sit.

Seduta Numru 167
08/11/2023

**ĦOLQIEN TA' GREEN WALLS**

**12833. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l- Ministru tgħid kemm inħolqu green walls, green pockets u ġonna komunitarji kif kien imwiegħed is-sena li għaddiet?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI**: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, b'żieda mal-informazzjoni li diġà tajt fit-tweġibiet għal diversi mistoqsijiet parlamentari li saru minnha dwar is-suġġett, f'inqas minn sena li ġiet imwaqqfa Project Green inħolqu il-green pockets ta' Safi Dog Park u l-Maqluba filwaqt li saret riġenerazzjoni ta' Ġnien iż-Żgħażagħ u Kalkara Pocket Park.

Seduta Numru 167
08/11/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – NEFQA FUQ REKLMAR**

**12846. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar, minn nhar is-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kienet in-nefqa mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-imsemmija reklami?

30/10/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-nefqa mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook minn nhar is-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari hi ta' €1,357.00.

Seduta 167
08/11/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – NEFQA FUQ REKLMAR**

**12847. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar, minn nhar is-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kienet in-nefqa mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-imsemmija reklami?

30/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 167
08/11/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – NEFQA FUQ REKLMAR**

**12848. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar, minn nhar is-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kienet in-nefqa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-imsemmija reklami?

30/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO**: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 167
08/11/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – NEFQA FUQ REKLMAR**

**12849. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar, minn nhar is-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kienet in-nefqa mill-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-imsemmija reklami?

30/10/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-nefqa f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook mill-Ministeru fuq il-paġna Akkomodazzjoni tammonta għal€8,000 (excl. VAT). Ninsab infurmat ukoll li l-Awtorità tad-Djar ma għamlet l-ebda reklamar fuq is-sit soċjali ta' Facebook.

Seduta 167
08/11/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – NEFQA FUQ REKLAMAR**

**12850. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar, minn nhar is-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kienet in-nefqa mill-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-imsemmija reklami?
30/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.
Seduta 167
08/11/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR – NEFQA FUQ REKLMAR**

**12851. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid, xahar b'xahar, minn nhar is-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kienet in-nefqa mill-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtha, f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook? Tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-imsemmija reklami?

30/10/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-nefqa totali fuq reklamar fuq is-sit soċjali Facebook tal-Ministeru u l-entitajiet tinsab fit-tabella hawn taħt:

| Entitajiet | Nefqa totali fuq reklamar fuq Facebook |
|---|---|
| **Aġenzija Sapport** | €996.10 |
| **Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS)** | €180.00 |
| **L-Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA)** | €1,177.32 |
| **Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD)** | €338.43 |
| **L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji (OCVO)** | NIL |
| **Il-Kummissjoni għall-Protezzjoni minn Radjazzjoni Ijonizzanti u Mhux Ijonizzanti (RPC)** | NIL |
| **Il-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur (MIVC)** | NIL |

Seduta 167
08/11/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - KONSULENTI**

**12895. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12493, fejn il-Ministru rreferieni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11808, peress li f'din it-tweġiba m'hemmx l-informazzjoni rikjesta, jista' l-Ministru jgħid kemm-il konsulent kien hemm ingaġġat miegħu f'din is-sena, u ċjoè bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023 u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

31/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsultenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex jaqgħu taħt l-iStrategic and Priorities Unit. L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 167
08/11/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - KONSULENTI**

**12896. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12494 fl-intier tagħha u jgħid min huma l-konsulenti, x'remunerazzjoni għandhom u x'inhi l-kariga ta' kull wieħed jew waħda rispettivament?

31/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li l-lista ta' policy consultants ingaġġati fuq bażi ta' person of trust jew position of trust tas-Segretarjat tal-Ministru hi skont il-Manwal li kopja tiegħu diġà tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra. Infurmat li fil-preżent hemm 3 policy consultants, scale 3 li huma Monica Farrugia, Nigel Vella, Larkin Paul Bonnici.

Seduta 167
08/11/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - KONSULENTI**

**12897. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12490 fl-intier tagħha u jgħid min huma l-konsulenti?

31/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'għandix iżjed xi nżid mat-tweġiba li diġà tajt għall-mistoqsija parlamentari 12490.

Seduta 167
08/11/2023

**VETTURI BIL-'GY' U 'LY' PLATES - OPERATURI**

**12913. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista sħiħa tal-pjanċi tal-vetturi li jispiċċaw bl-ittri 'GY' u 'LY' u f'kull każ jgħid ma' liema Liċenzja ta' Operatur (skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.68) huma reġistrati?

31/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 167
08/11/2023

**VETTURI BIL-'GY' U 'LY' PLATES - DRIVER'S TAG**

**12914. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni li għandhom fil-pussess tagħhom Driver's Tag valida (għall-vetturi li jispiċċaw bl-ittri 'GY' u 'LY') u jaqsam l-informazzjoni skont in-nazzjonalità tal-persuna?

31/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 167
08/11/2023

**VETTURI BIL-'GY' U 'LY' PLATES - DRIVER'S TAG MAĦRUĠA**

**12915. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il Driver's Tag inħarġet (għall-vetturi li jispiċċaw bl-ittri 'GY' u 'LY') mill-2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

31/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 167
08/11/2023

**NACE CODE 49.32 – TAX PAYERS EŻENTATI MILLI JIĠBRU L-VAT**

**12916. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn tax payers li huma eżentati milli jiġbru l-VAT għaliex jaqilgħu anqas minn €30,000 taħt NACE code 49.32?

31/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li bħalissa hawn 1,899 taxpayers attivi li huma eżentati milli jiġbru l-VAT għaliex jaqilgħu anqas minn €30,000 taħt NACE code 49.32.

Seduta 167
08/11/2023

**ŻEJTUN - TRIQ ALFREDO CACHIA ZAMMIT – TRAFFIC LIGHTS**

**12917. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn it-traffic lights fi Triq Alfredo Cachia Zammit, ġewwa ż-Żejtun, li hija triq traffikuża mmens, ilhom aktar minn xahar jiġu rrapurtati li mhux qed jaħdmu (minħabba inċident stradali) u xorta jibqgħu ma jitranġawx? Jista' wkoll jagħti indikazzjoni ta' meta dawn ser jiġu rranġati?

31/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawn it-traffic lights ser jiġu msewwija fil-ġranet li ġejjin.

Seduta 167
08/11/2023

**BAĠIT 2024 - SANTWARJI MEGĦJUNA PERMEZZ TA' SKEMI FINANZJARJI**

**12918. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Hekk kif indikat fid-Diskors tal-Baġit 2024, jista' l-Ministru jgħid liema kienu dawk is-santwarji li ġew megħjuna permezz ta' skemi finanzjarji f'dawn l-aħħar żewġ leġiżlaturi u kif ġew megħjuna? Jista' jgħid ukoll kif l-istess santwarji jistgħu japplikaw għall-għajnuna fejn jidħol xogħol ta' tiswijiet u manutenzjoni fl-istess santwarji, kif ġie mwiegħed fl-istess Diskors?

31/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO**: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 167
08/11/2023

**SKEMA TA' NEUTERING GĦALL-QTATES**

**12919. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Skont l-Estimi tal-Budget 2024, jista' l-Ministru jagħti break down ta' kif ġew allokati l-€20,757 li ntefqu f'neutering ta' qtates fis-sena 2022 u min kienu dawk li bbenifikaw minn din l-iskema?

31/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO**: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 167
08/11/2023

**SERVIZZI VETERINARJI LI ĠEW MOGĦTIJA LILL-NGOS**

**12920. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Skont l-Estimi tal-Budget 2024, jista' l-Ministru jgħid x' kienu s-servizzi veterinarji li ġew mogħtija lill-NGOs li ammontaw għal €51,877 u kif ġew imqassma?

31/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO**: Ninforma lill-Onor. Interpellanta li s-servizzi veterinarji li ġew mogħtija lill-NGOs huma kif deskritt fit-tabella segwenti.

Il-pagamenti għas-servizzi veterinarji ġew allokati biss għall-annimali mikroċippati li huma rreġistrati taħt l-NGO fin-National Livestock Database. L-għotja għas-servizzi veterinarji kienet ibbażata fuq il-medja tal-annimali li nstabu waqt it-tliet spezzjonijiet matul is-sena permezz ukoll ta' verifiki fiżiċi li saru fuq il-post tas-santwarju jew xelter tal-annimali. Il-pagamenti jammontaw għal €40 għal kull qattus/kelb u €160 għal kull żiemel biex jgħinu l-imsemmija NGOs ikopru l-ispejjeż tas-servizzi veterinarji. Il-pagamenti jiġu affettwati biss jekk jiġi kkonfermat li l-NGO għadha rreġistrata mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji u konformi mal-Att dwar l-Organizzazzjoni Volontarja tal-2007 u l-leġiżlazzjoni sussidjarja li taqa' taħt il-liġi. Barra minn dan, intefqu €8,384.36 fuq kirurġija kumplessa li saret fuq annimali taħt il-kura tal-NGOs u €1,176.30 għal servizzi ta' tiswija ta' annimali.

| **NGOs Benefiċjarji** | **Ammont Imħallas** |
|---|---|
| Island Sanctuary | € 4,836.67 |
| Stray Animals Support Group | € 2,700.00 |
| Animal Care Malta | € 2,340.00 |
| National Cat Society | € 14,710.00 |
| CSAF | € 12,360.00 |
| AAA | € 3,260.00 |
| Love for Strays Malta | € 2,110.00 |
| **Sub-Total** | **€ 42,316.67** |
| | |
| **Servizzi Veterinarji Oħra** | **Spiża** |
| | |
| Tiswija ta' Annimali | €1,176.30 |
| Kirurġija Kumplessa | €8,384.36 |
| **Sub-Total** | **€9,560.66** |
| | |
| **Total:** | **€ 51,877.33** |

Seduta Numru 167
08/11/2023

**ENEMALTA – RATA TA' BEJGĦ GĦAL KULL KWH**

**13015. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 11380 u tagħti break down tar-rata li biha nbiegħ kull kWh li ġġenerat l-Enemalta fl-2022 u fl-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, liema tabella tgħid kemm kien hemm units li ma ġewx billed (mitlufa f'ineffiċjenzi/losses fil-ġenerazzjoni jew sistema ta' distribuzzjoni u/jew misruqa)? Tista' tgħid ukoll b'kemm tħallsu l-units li ġew billed (kemm units tħallsu bl-10c47, kemm units tħallsu bit-12c98, eċċ), possibbilment maqsuma f'tabelli separati għal dawk domestiċi, residenzjali u kummerċjali (non-residential)?

02/11/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 167
08/11/2023

**RENDIKONT TA' CHARGING STATIONS LI KIENU OFFLINE JEW MA JIFFUNZJONAWX**

**13016. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 11914 u tagħti rendikont ta' charging stations li kienu offline jew ma jiffunzjonawx matul l-2023, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u f'kull każ tgħid kemm damet il-ħsara?

02/11/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI**: Filwaqt li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra, ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-lum hawn total ta' 372 charging points fil-gżejjer Maltin li huma provduti permezz ta' 186 charging pillar.

Kull charging pillar għandha żewġ charging points, jiġifieri ma' kull pillar ikunu jistgħu jiċċarġjaw żewġ vetturi f'daqqa. 155 charging pillar huma mferxin f'60 lokalità differenti madwar Malta, waqt li f'Għawdex hemm 31 charging pillar li jinsabu f'14-il lokalità.

Normalment meta jiġi rappurtat li charging pillar ma tkunx qed taħdem, il-problema tkun fuq charging point wieħed u għalhekk l-ieħor jibqa' jiffunzjona. Infurmata li aktar minn 90% taċ-charging pillars kellhom rata li taqbeż it-85% bħala uptime, jiġifieri ż-żmien li fih kienu qed joperaw matul is-sena. Dan ifisser li l-maġġoranza assoluta taċ-charging pillars kienu disponibbli biex jintużaw tista' tgħid il-ħin kollu.

Primarjament il-kaġun tal-ħsarat kienu fl-elettronika, problemi li rriżultaw fis-software minħabba li ma jsirx użu miċ-charging pillar kif suppost, kif ukoll kien hemm ċirkostanzi fejn iċ-charging pillar saħansitra kellu jinqala' wara li dan intlaqat. Fejn kien hemm dewmien partikolari biex issewwiet il-ħsara, dan ġara minħabba li damu biex waslu spare parts minn barra. Ġaladarba immanifestat ruħha din it-tip ta' problema, il-kuntrattur intalab jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex jassigura li jkollu spare parts disponibbli.

Sadattant, qed naħdmu biex fiż-żmien li ġej jibda proġett biex inżidu 1,200 charging point oħra madwar Malta u Għawdex.

Seduta Numru 167
08/11/2023

**MALTA - NEFQA FUQ FUELS**

**13017. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 12610 u tgħid kemm kienet in-nefqa ta' Malta fuq hydrocarbons (fossil fuels, inkluż gass naturali, LPG, petrol, diesel, aviation fuel, eċċ), għal kull sena għas-snin 2020, 2021, 2022 u fl-2023 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

02/11/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u l-entitajiet li jaqgħu taħtu ma jżommux data komprensiva dwar "in-nefqa ta' Malta" fuq hydrocarbons. Is-suq tal-fuels huwa liberalizzat fejn hemm joperaw ukoll diversi operaturi privati. Il-volumi ta' hydrocarbons li ġew ikkunsmati fis-suq jiġu pubblikati mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika minn żmien għal żmien u jiġu rappurtati wkoll lill-Eurostat.

Seduta Numru 167
08/11/2023

**ĦADDIEMA SELF-EMPLOYED LI ĦADMU FUQ IL-FILM SETS**

**13030. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk il-ħaddiema self-employed kollha li ħadmu fuq il-film sets tħallsux kollha u jekk il-Ministeru għat-Turiżmu għandux xi lmenti minn ħaddiema self-employed li għadhom ma tħallsux?

02/11/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li la l-Malta Film Commission u lanqas il-Ministeru ma huma parteċipi fl-arranġamenti kontrattwali bejn il-ħaddiema u min iħaddem.

Seduta 167
08/11/2023

**MELLIEĦA – APPUNTAMENTI GĦAL SPEECH THERAPY**

**13031. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lid- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex is-speech therapy fil-Mellieħa mhux se tibqa' tingħata nhar ta' Ħamis u għaliex l-appuntamenti skedati għandhom isiru online, jekk għat-tfal din mhix għażla? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx diġà case load għolja u kif din se tidħol fi skeda inqas, jekk dan jirriżulta f'appuntamenti inqas frekwenti?

02/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illispeech therapy fil-Klinika tal-Komunità tal-Mellieħa tingħata tlett ijiem fil-ġimgħa.

Seduta 167
08/11/2023

**TRASPORT GĦAL PERSUNI BI ĦTIĠIJIET SPEĊJALI**

**13040. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk matul din is-sena kienx hemm żieda fin-numru ta' persuni li għandhom ħtiġijiet speċifiċi biex jaslu fl-iskejjel jew fuq il-postijiet tax-xogħol u dan minħabba xi kundizzjoni partikolari, li bdew jingħataw l-għajnuna ta' trasport ħalli jkunu jistgħu jaslu fejn għandhom jaslu?

02/11/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lil Onor. Interpellanta li t-trasport għall-iskejjel jingħata b'xejn lil kulħadd, filwaqt li l-Aġenzija Sapport permezz tal-Empowerment Scheme tissussidja t-trasport għal numru ta' persuni b'diżabilità biex imorru x-xogħol kif ukoll skola terzjarja jew l-Università. Fl-aħħar sena kien hemm żieda għal dawn it-talbiet mis-sena ta' qabel.

Seduta 167
08/11/2023

**KONVENZJONI TAL-ĠNUS MAGĦQUDA DWAR ID-DRITTIJIET TAL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**13041. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kif qed jiġi assigurat li l-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità qed titwettaq bl-aħjar mod f'Malta? Tista' tgħid ukoll kemm żdiedu l-persuni li jaħdmu fil-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u d-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità? Tista' tgħid kemm hi mistennija li tkun in-nefqa f'dan ir-rigward matul is-sena 2024?
02/11/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Minn mindu ġiet ratifikata l-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità fl-2012, Malta kienet impenjata sabiex timplimenta l-prinċipju ewlieni wara l-Konvenzjoni – "Xejn Dwarna, Mingħajrna".

Barra r-riformi neċessarji li kien hemm bżonn li jsiru kemm mill-aspett legali u policies tal-Gvern, dan il-Ministeru waqqaf il-kumitat tal-ENGAGE. Dan il-kumitat huwa l-forum għall-Parteċipazzjoni tas-Soċjetà Ċivili Maltija fis-settur tad-Diżabilità, fi ħdan id-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità (DDI). Fuq dan il-kumitat hemm il-maġġoranza sħiħa ta' persuni b'diżabilità, il-familji u l-alleati tagħhom, kif ukoll akkademiċi, rappreżentanti tal-NGOs, u s-CRPD, ir-Regolatur Nazzjonali tad-Diżabilità.

F'konformità mal-obbligi tal-Konvenzjoni, dan il-Ministeru waqqaf ukoll struttura Nazzjonali ta' Koordinazzjoni. Din l-istruttura qegħda tiżgura l-koordinament tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali flimkien mal-Ministeri konċernati. Min-naħa l-oħra ġie imsaħħaħ ir-rwol tas-CRPD, bħala r-Regolatur Nazzjonali tad-Diżabilità, permezz ta' emendi fil-liġi Maltija.

Skont l-Att Dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap 413), il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità hija l-mekkaniżmu indipendenti sabiex tipproteġi, tissorvelja u tippromwovi l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni timpjega żewġ Managers u EU Projects Manager li jaħdmu sabiex jissorveljaw l-artikli tal-Konvenzjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni torganizza konferenzi u tattendi oħrajn, kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment, sabiex tikseb aktar għarfien kemm fuq is-sitwazzjoni preżenti f'Malta, kif ukoll dwar l-aħjar prattiċi fis-settur.

It-Taqsimiet tal-Investigazzjonijiet u tal-Compliance jaħdmu wkoll sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità skont ma tipprovdi l-Konvenzjoni, b'tal-ewwel tinvestiga l-ilmenti mill-pubbliku u t-tieni billi tassigura li l-permessi tal-ippjanar jingħataw biss lil dawk il-proġetti li huma aċċessibbli.
Minbarra l-baġit għas-salarju tal-ħaddiema tagħha, matul l-2024 il-Kummissjoni ser tinvesti madwar €20,000 f'awditjar ta' servizzi għat-tfal u x-xelters għall-vittmi ta' vjolenza domestika sabiex dawn isiru aktar aċċessibbli għal kulħadd.

F'Jannar 2022, il-Kummissjoni impjegat EU Funds Manager, li kien l-uniku reklutaġġ li sar minbarra s-sostituzzjonijiet ta' staff li ma baqax jaħdem mal-Kummissjoni.
Sal-2022, kien hemm tliet persuni li jaħdmu fi ħdan id-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità. Kien hemm żieda ta' żewġ impjegati fl-2023, fosthom li għal l-ewwel darba ġie maħtur Direttur responsabbli minn dan id-Direttorat.

In-nefqa għas-sena 2024 għal dan id-Direttorat mistennija tkun ta' €10,125,000.

Seduta 167
08/11/2023

**PROĠETT NARĊIS**

**13042. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu n-numru ta' persuni li qed jingħataw support permezz tal-proġett Narċis u x'tip ta' għajnuna qed jingħataw il-persuni li għandhom dritt għal din l-għajnuna? Tista' tgħid ukoll jekk hux qed issir koordinazzjoni ma' ministeri oħra sabiex dan is-support ikun tal-aqwa livell u jekk iva, ma' liema ministeri qed issir u fiex tikkonsisti din il-koordinazzjoni?

02/11/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.
Tajjeb li nsemmi li l-Aġenzija Sapport li taqa' taħt ir-responsabilità tal-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur tagħti servizz lil persuni b'diżabilità li jgħixu jew qegħdin jingħataw servizzi ta' respite f'Narċis permezz ta' ftehim iffirmat bejn iż-żewġ partijiet.

Seduta 167
08/11/2023

**GUARDIANSHIP BOARD**

**13043. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'funzjoni qed jaqdi l-Guardianship Board fil-preżent? Tista' tgħid ukoll kemm kien hemm persuni li ngħataw support matul l-aħħar 12-il xahar permezz ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-istess Guardianship Board?

02/11/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lil Onor. Interpellanta li l-Bord dwar il-Kustodja (Guardianship Board) jaqdi l-funzjoni tiegħu skont il-liġi fejn huwa jikkunsidra talbiet għal kustodja ta' persuni li minħabba diżabilità jew xi kundizzjoni oħra ma jkunux f'pożizzjoni li jamministraw il-beni tagħhom mobbli jew immobbli, dawk finanzjarji u/jew jieħdu deċiżjonijiet relatati mas-saħħa tagħhom b'mod indipendenti u fl-aħjar interess tagħhom.

Fis-sena 2023, sal-aħħar ta' Ottubru dan il-Bord diġà rċieva tlett mija u sebgħa u erbgħin (347) applikazzjoni. Minn dawn l-applikazzjoni diġà ġew deċiżi mitejn u ħames (205) każi. Barra min hekk il-Bord jirċievi u jerġa' jikkunsidra talbiet għat-tiġdid ta' Ordnijiet ta' Kustodja maħruġa fis-snin ta' qabel wara li l-Kustodju jippreżenta rapport annwali tal-amministrazzjoni tiegħu.

Għaldaqstant bħalissa fl-attiv hemm b'kollox disa' mija u tlieta u tletin (933) Ordni ta' Kustodja. Ma' dawn wieħed irid iżid dawk it-talbiet li l-Bord jirċievi b'mod regolari mingħand kustodji sabiex ikunu jistgħu jaraw kif l-aħjar jimxu f'ċirkostanzi differenti li jiltaqgħu magħhom fil-qadi ta' dmirijiethom bħala kustodji.

Seduta 167
08/11/2023

**SKEMA SENSABILITY**

**13044. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kif qed tiffunzjona l-iskema SensAbility li tgħin tfal bl-awtiżmu? Tista' tgħid ukoll kemm kien hemm każijiet fejn intalbet għajnuna sabiex ikunu jistgħu jsiru multi-sensory rooms fid-djar matul l-aħħar 12-il xahar, tgħid kemm minn dawn it-talbiet intlaqgħu u kemm kienet l-ispiża għal dan il-għan?

02/11/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 167
08/11/2023

**TRANSPORT MALTA – TAĦRIĠ TAS-SEWQAN SPEĊJALIZZAT GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**13045. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk Transport Malta għamlitx xi sejħa biex instructors tas-sewqan jingħataw taħriġ speċjalizzat biex ikunu jistgħu jgħallmu lill-persuni b'diżabilità, biex ikunu jistgħu jġibu l-liċenzja tas-sewqan? Jekk iva, tista' tgħid meta ħarġet is-sejħa, kemm kien hemm instructors li fil-fatt applikaw għal dan it-taħriġ, u kemm minnhom temmew it-taħriġ?

02/11/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel l-ewwel parti tal-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.
Però intant ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aġenzija Sapport permezz tas-Sonia Tanti Independent Living Center għamlet taħriġ lil seba' Occupational Therapists u żewg driving instructors ġewwa Birmingham l-Ingilterra. It-taħriġ qed jingħata fuq vann li nġieb Malta mill-Aġenzija Sapport fuq id-drive from wheelchair vehicle.

Seduta 167
08/11/2023

**SKEMA 'BUSINESS START' - INTRAPRIŻI LI BBENEFIKAW**

**13060. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm intrapriżi bbenefikaw mill-iskema 'Business Start' bejn is-sena 2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/11/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI**: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn is-sena 2015 sal-lum kien hemm 201 intrapriżi li bbenefikaw mill-iskema tal-Business Start.

Seduta Numru 167
08/11/2023

**SKEMA 'BUSINESS START' - INTRAPRIŻI LI BBENEFIKAW**

**13061. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm intrapriżi bbenefikaw mill-iskema 'Business Start' bejn is-sena 2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/11/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 167
08/11/2023

**SKEMA TA' SUSSIDJU - HELPER TAL-GĦAŻLA TIEGĦEK - APPLIKAZZJONIJIET**

**13073. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li qed jagħmlu użu mill-iskema tas-sussidju għall-Helper tal-Għażla tiegħek? Jista' l-Ministru jgħid ukoll jekk hemmx applikazzjonijiet pendenti u jindika wkoll jekk hemmx applikazzjonijiet approvati iżda sa issa għadu ma ngħatax is-sussidju?

03/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm 306 persuni li qed jagħmlu użu mill-iskema tas-sussidju għall-Helper tal-Għażla Tiegħek. Applikazzjonijiet pendenti m'hemm xejn. Hemm applikazzjoni waħda li waslet l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità f'dawn l-aħħar ġimagħtejn li hija approvata u qed tiġi proċessata biex tibda tingħata s-sussidju.

Seduta 167
08/11/2023

**SAN VINĊENZ DE PAUL - KOPJA TA' KUNTRATT**

**13074. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt bit-termini u l-kondizzjonijiet kollha tal-Kap Eżekuttiv il-ġdid tal-Faċilità ta' San Vinċenz de Paul?

03/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 167
08/11/2023

**ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI - APPELLI PENDENTI**

**13075. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12396, jista' l-Ministru jgħid x'qiegħed isir minn naħa tal-Ministeru tiegħu sabiex in-numru ta' appelli pendenti quddiem l-Arbitri, kif ukoll appelli li sallum għadhom ma ġewx appuntati, jara li jitnaqqsu drastikament?

03/11/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li matul din is-sena kien appuntat arbitru ieħor biex kemm jista' jkun jitnaqqas in-numru ta' każijiet li għadhom ma ġewx appuntati. Fil-fatt fil-preżent hemm 11-il arbitru.

Tajjeb li nżid li mhux kull każ ikun l-istess u filwaqt li xi wħud mill-każi jiġu deċiżi malajr, il-biċċa l-kbira minnhom ikunu jirrikjedu aktar minn seduta waħda biex ikunu konklużi, ġieli anke erbgħa jew aktar. Dan isir sabiex l-appellant jingħata l-opportunità kollha li jissostanzja l-każ tiegħu. Dan naturalment ikompli jtawwal il-proċess.

Seduta 167
08/11/2023

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – A/C FIĊ-ĊELEL**

**13077. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċella fi ħdan il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin hi mgħamra bl-arja kundizzjonata? Kemm-il persuna li tinsab detenuta jew li qed isservi sentenza għandha A/C fiċ-ċella?

03/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fl-aħħar snin sar investiment sabiex f'kull ċella jkun hemm l-użu ta' fan billi kull min ma kellux wieħed, l-Aġenzija pprovditlu. Infurmat li hemm 4 dormitorji li għandhom sistema ta' arja kundizzjonata, fosthom dormitorju minnhom fejn jinżammu dawk il-priġunieri nisa li qed irabbu tarbija.

Seduta 167
08/11/2023

**MEDIĊINI SERVIKAR U CARDIOASPIRIN TA' 100MG**

**13078. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lid- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex il-pilloli Servikar, u Cardioaspirin ta' 100mg (liema pilloli jinsabu fi swieq oħrajn tal-Unjoni Ewropea) mhumiex disponibbli f'Malta? Peress li l-Maltin m'għandhomx aċċess għall-formula kimika ta' Servikar (li hi differenti minn dik ta' Diovan pereżempju), jista' jgħid għalfejn għad-dożaġġ ta' 100mg ta' Cardioasprin, f'Malta ssib 75mg?

03/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi Cardioaspirin hija asperina li hija disponibbli, waqt li minflok Servikar jintuzaw Amlodipine u Valsartan.

Seduta 167
08/11/2023

**KARTA TAD-DRITTIJIET FUNDAMENTALI FL-UE**

**13079. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11973 u jgħid jekk ġiex innominat xi ħadd bħala Punt Fokali tal-Karta (Charter Focal Point) skont l-Istrateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea? Jekk iva, min hi din il-persuna?

03/11/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi hemm uffiċjal mid-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem nominata.

Seduta 167
08/11/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - PASSI FIR-RIGWARD TA' ŻVILUPP F'TAL PIETÀ**

**13080. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11862 dwar żvilupp li sar, u li huwa kontra l-liġi, fejn il-Ministru qal li nħargu avviżi ta' infurzar lis-sidien, jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-pass li jmiss fid-dawl li l-avviżi huma biss avviżi?

03/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara li nħarġu l-avviżi ta' nfurzar mill-Awtorità tal-Ippjanar, kienu sottomessi appelli fuq uħud minn dawn l-avviżi, kif ukoll kienu sottomessi applikazzjonijiet biex jissanzjonaw l-istess żvilupp imsemmi fi wħud minn avviżi oħra. Għalhekk l-Awtorità tal-Ippjanar ma tistax tieħu passi ulterjuri sakemm jiġu deċiżi l-appelli u l-applikazzjonijiet.

Seduta 167
08/11/2023

**ŻVILUPPI HIGH-RISE - POLICY DWAR ĦARSIEN MINN TERREMOTI**

**13081. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12303 fejn il-Ministru rreferieni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11863 fejn intqal pajjiżna dejjem għamel referenza għall-EN1998 Eurocode 8, jista' l-Ministru jagħti garanzija li t-torrijiet (high-risers) huma mħarsa mill-eventwalità ta' terremot, jew le? Jista' jagħti wkoll time frame għall "pjan li titfassal policy fiż-żmien li ġej" li ssemma fl-istess tweġiba?

03/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-responsabilità tad-disinn tal-istruttura ta' kull binja hija tal-Perit tal-proġett.

Seduta 167
08/11/2023

**FTEHIM DWAR PERMESS TA' ŻVILUPP**

**13082. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11855, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10691 u jqiegħed kopja tal-ftehim legali li sar bejn l-Awtorita' tal-Ipjannar, l-Awtorita' tal-Turizmu u l-applikant fuq il-Mejda tal-Kamra hekk kif kien mitlub?

03/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11855.

Seduta 167
08/11/2023